MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 1243/2002/1

**Bartolomeo Sammut**

**v.**

**Mikiel Attard u martu Giuseppa Attard, John Grima u martu Annie Grima, George Grima u martu Maria Grima u b'digriet tal-5 ta' Jannar 2010, l-Avukat Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati bhala kuraturi biex jirraprezentaw l-interessi tal-mejtin George u Maria konjugi Grima, Anthony Sammut u martu Anna Sammut, Nazzareno Sammut u martu Maria Concetta Sammut**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Novembru, 2002 l-attur ippremetta illi b'att pubbliku datat 4 ta' April, 1994 fl-atti tan-Nutar Dr. John Spiteri (Dok. "A") il-konvenuti Mikiel Attard, Giuseppa Attard, John Grima, Annie Grima u Maria Grima bieghu u trasferew b'titolu ta' bejgh lill-konvenuti l-ohra Anthony Sammut, Nazzareno Sammut u Maria Concetta Sammut, bicca art maghrufa bhala "Tal-Ghallis" fil-limiti tan-Naxxar tal-kejl ta' cirka tomnejn u kejla ossia cirka 2,267 metru kwadru; illi formanti parti mill-kuntratt hawn imsemmi, il-konvenuti nkludew pjanta markata Dok. "X" mal-kuntratt, liema pjanta kellha delinejat bl-inka hamra l-art li kienet in vendita; illi fil-fatt l-art kif immarkata fil-pjanta msemmija tinkludi bicca art li l-attur ghandu sehem indiviz minnha, liema art hija maghrufa bhala "Ta' Sparati" fil-limiti tan-Naxxar; illi l-konvenuti qua xerrejja, ghalhekk spiccaw biex akkwistaw art li l-konvenuti qua vendituri qatt ma setghu jittrasferixxu ghaliex ma tappartjenix lilhom, izda in parte tappartjeni lill-attur; illi minkejja li nterpellati sabiex jersqu u jirrisolvu l-kuntratt hawn fuq imsemmi, il-konvenuti baqghu inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-bicca art maghrufa bhala "Ta' Sparati" fil-limiti tan-Naxxar hija in parte proprjeta` tal-attur;

"2. Konsegwentement tiddikjara li l-konvenuti qua vendituri fil-kuntratt imsemmi tal-4 ta' April, 1994 fl-atti tan-Nutar John Spiteri, ma kienux is-sidien tal-art in kwistjoni u ghalhekk ma setghux ibieghu u jittrasferixxu lill-konvenuti qua xerrejja permezz tal-att pubbliku hawn citat;

"3. Tordna li jigi rizolut il-bejgh tal-art in kwistjoni li sar bejn il-konvenuti;

"4. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att opportun tar-rizoluzjoni fil-hin u post li l-istess Onorabbli Qorti

joghgobha tiffissa u tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

“Bl-ispejjez.”

B’nota pprezentata fl-4 ta’ Frar 2003 il-konvenuti Nazzareno Sammut u martu Maria Concetta Sammut u ta’ Anthony Sammut u martu Anna Sammut, eccepew:

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, billi kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-bicca art maghrufa bhala “Ta’ Sparati” fil-limiti tan-Naxxar, m’hijiex lanqas in parti proprjeta` tal-attur u kienet giet akkwistata mill-eccipjenti, permezz tal-kuntratti tal-4 ta’ April, 1994 u tat-28 ta’ April, 1994, it-tnejn fl-atti tan-Nutar John Spiteri;

“2. Illi l-vendituri fuq dawk il-kuntratti kellhom kull dritt li jbieghu l-art in kwistjoni u ghalhekk mhux il-kaz li l-bejgh ta’ l-art in kwistjoni, jigi rizolut.”

B’nota pprezentata fit-8 ta’ Gunju, 2004 il-konvenuti Mikiel Attard u martu Giuseppa Attard, eccepew:

“1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, billi kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-bicca art maghrufa bhala “Ta’ Sparati” fil-limiti tan-Naxxar, m’hijiex lanqas in parti proprjeta` tal-attur u kienet giet akkwistata mill-eccipjent permezz tal-kuntratt tal-4 ta’ April, 1994 u tat-28 ta’ April, 1994, it-tnejn fl-atti tan-Nutar John Spiteri;

“2. Illi l-vendituri fuq dawk il-kuntratti kellhom kull dritt li jbieghu l-art in kwistjoni u ghalhekk mhux il-kaz li l-bejgh tal-art in kwistjoni jigi rizolut.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-17 ta’ Ottubru, 2007 bil-mod segwenti:

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici u dan billi ghandha tigi mnaqqsa mill-art akkwistata mill-konvenuti Sammut il-parti indikata fil-pjanta a fol. 37 tal-process. Ghal fini tal-ahhar talba tinnomina lin-Nutar John Spiteri biex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Claudio Zammit bhala kuratur tal-kontumacji. Il-kuntratt ghandu jsir fl-edificcju tal-Qorti fuq talba ta’ xi hadd mill-partijiet jew tan-Nutar nominand.”

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Illi l-attur qed jirreklama li meta l-konvenuti akkwistaw il-proprjeta` msemmija fl-att ippubblikat fl-4 ta’ April, 1994 min-Nutar John Spiteri huma fil-fatt akkwistaw parti minn proprjeta` tieghu adjacenti. Ghalhekk qed jitlob li l-att in kwistjoni jigi korrett fis-sens illi titnaqqas mill-porzjon akkwistata mill-konvenuti konjugi Sammut.

“Illi ghalhekk din hija azzjoni rivendikatorja tipika fejn l-attur qed jitlob li jintradd lura l-art in kwistjoni.

“Hu risaput tradizzjonalment illi f’kawza simili l-attur irid jipprova t-titolu tieghu minghajr ebda ombra ta’ dubju – ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-1958 fil-kawza fl-ismijiet Borg v. Buhagiar. F’dik il-kawza intqal illi kwalunkwe dubju ghandu *jimmilita favur il-konvenut possessur*. Din hija biss ezempju ghaliex hemm diversi sentenzi ohra simili. Wiehed jista’ jsib rassenja dettaljata taghhom fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Anthony Mercieca v. Anthony Buhagiar fit-23 ta’ Ottubru, 2001. Fiha gie citat ukoll l-awtur **Torrente** li qal hekk;

*““La rivendicazione e’ la principale delle azioni petitorie ed e’ concessa a favore di colui che si afferma propietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene. L’attore in conformita’ delle regole generali, ha l’onere di dimostrare il suo diritto; percio’ se l’acquisto non w’a titolo originario.*

*Ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originale. A voler andare all'infinoto, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di probatio diabolica)."*

"Fis-snin ricenti din il-pozizzjoni ccaqalqet xi ftit tant illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijet John Vella et v. Sherlock Camilleri moghtija fit-12 ta' Dicembru, 2002 adottat pozizzjoni kemmxejn differenti billi qalet illi "*Il-Qrati taghna, konsapevoli bid-diffikolta` li ssir tali prova u fl-interess tal-gustizzja accettaw il-possibilta` li l-attur jirnexxi fil-kawza li jaghmel in forza tal-actio publicana."* Hekk fil-kawza Attard nomine v. Fenech deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1875 (Vol VII p 390) osservat:

*""Che l'azione intenta dell'atore nel suo libello quale procuratore dell'assente Angelo Zarb e' duplice, la rivendocaoria e la publicana, giusta i principii della leggeromana; colla prima l'attore deve provare di aver il dominio della cosa che vuole rivendicare; colla seconda di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu' debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto."* (Ara wkoll Fenech vs Debono – Prim Awla 14 ta' Mejju, 1935).

"Illi biex wiehed jasal ghal konkluzjoni gusta ta' din il-kawza huwa necessarju li jigu studjati l-kuntratti li gew esebiti mill-partijiet u l-pjanti annessi. Il-kuntratti huma dawn li gejjin;

"1. Il-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni (4 ta' April, 1994) fejn Mikiel Attard u martu, John Grima u martu, George Grima u martu ttrasferew lill-konvenuti Nazzareno sive Leslie Sammut u martu u Anthony Sammut u martu tomnejn u kwart (2267 metri kwadri) mill-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Ghallis" (gieli msejha Ta' Sparati); bhala provenjenza gie indikat li l-vendituri akkwistaw l-art permezz ta' tliet kuntratti li saru fl-1965, 1977 u 1985.

“2. Kuntratt tat-28 ta’ Frar, 1994 (fol 38) fejn l-attur u huh Paolo flimkien ma’ marthom akkwistaw minghand l-eredi ta’ Carmela Agius (oht l-istess akkwirenti) diversi porzjonijiet indivizi ta’ proprjetajiet li din kienet wirtet (inkluz dak li wirtet minghand huha Salvu Sammut li miet fl-1984). Fost dawn il-proprjetajiet hemm sehem indiviz mill-ghalqa Ta’ Sparati, indikata li tkejjel tlett elf, tliet mija u tnejn u sebghin (3,372) metru kwadru. Salvu Sammut miet intestat u ghalhekk fost il-werrieta tieghu hemm ukoll l-attur li esebixxa kopja tad-denunzja relattiva (fol 66). Salvu Sammut kien akkwista fl-1941 (fol. 133) ir-raba in k.wistjoni li gie mkejjel l-ekwivalenti ta’ hamest elef, disa’ mija u hamsa u disghin (5,995) metri kwadri.

“3. Kuntratt iehor li sar fit-28 ta’ April 1994 fejn il-konvenuti Sammut xtraw minghand l-ahwa Camilleri is-sehem indiviz iehor li seta’ jkollhom tal-istess kejl ta’ elfejn, mitejn, sebgha u sittin (2,267) metri kwadri mill-ghalqa fil-kontrada tal-Ghallis (fol. 138). Dan il-kuntratt jidher li sar ghaliex ma kienx car jekk il-proprjeta` in vendita kienitx kollha ta’ Attard u Grima.

“Ghalhekk l-importanza tal-kuntratt fejn l-attur xtara minghand ulied ohtu Carmela Agius huwa importanti ghaliex hu l-uniku att li permezz tieghu gie trasferit sehem indiviz mill-wirt ta’ Salvu Sammut. L-attur bhala titolu qed jivvanta appuntu s-sehem tieghu mill-wirt ta’ Salvu Sammut u ghalhekk l-indikazzjoni tal-proprjeta` li hu u huh Paolo (missier il-konvenuti Sammut) akkwistaw dakinhar, tista’ titqies bhala indikazzjoni tajba tal-proprjeta` li wirtu huma stess. Il-pjanta annessa ma’ dan il-kuntratt giet esebita min-Nutar Spiteri a fol. 116. Ghandu hawn jinghad li skond in-Nutar il-partijiet dejjem qalulu li ma kienx hemm bzonn ta’ ricerki (u dan hu komprensibbli ghaliex hafna mill-kontraenti jigu minn xulxin) u ghalhekk huwa mexa fuq dak indikat fid-denunzja li fuq kollox kienet saret f’isem l-ahwa Sammut kollha. Minn ezami tal-pjanti, komprizi dawk annessi mad-denunzja, jidher car ghall-Qorti li l-attur ghandu ragun jilmenta li meta sar il-kuntratt attakkat, giet inkorporata wkoll il-parti li huwa indikat fid-dokument esebit minnu a fol. 37, li kien parti mill-wirt ta’ Salvu

Sammut u allura huwa ghandu sehem indiviz minnha. Ghalhekk il-konvenuti Attard u Grima ma setghux jittrasferixxu dik il-parti wkoll ghaliex il-proprjeta` taghhom ma kienitx testendi sa daqshekk – minn ebda pjanta ma jirrizulta dan. Ghalhekk ukoll filwaqt li l-attur seta' jindika pjanta annessa ma' kuntratt li taghtih ragun, mhux l-istess jista' jinghad ghall-konvenuti.

"Mill-provi orali wiehed ftit seta' jaghmel xi konkluzjonijiet anke ghaliex ix-xhieda li l-iktar setghu jixdhu dwar id-dettalji tal-art illum ghandhom certa eta`. Ix-xhieda per ezempju tal-konvenut Attard ma kienet preciza xejn u wiehed ftit jista' jiehu indikazzjoni ta' xi haga konkreta. L-iktar prova cara wiehed jista' jehodha mill-pjanti u l-kuntratti msemmija u l-konkluzjoni tal-Qorti hija fis-sens li l-attur irnexxielu jipprova dak li ppremetta fic-citazzjoni minghajr ma l-konvenuti irribittew b'success dawn il-provi."

**L-appell tal-konvenuti Mikiel Attard u martu Giuseppa Attard, Anthony Sammut u martu Anna Sammut, u Nazzareno Sammut u martu Maria Concetta Sammut.**

Il-konvenuti hawn fuq imsemmija hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-6 ta' Novembru, 2007 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u konsegwentement tichad l-istess talbiet tal-attur appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

L-appellanti pprezentaw seba' aggravji kontra s-sentenza appellata li, fil-qosor jittrattaw is-segwenti:-

1) Il-valutazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti rigward il-kuntratti ta' akkwist tal-ahwa konvenuti Nazzareno u Anthony Sammut u r-rispettivi konjugi taghhom.

2) Il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi t-tieni kuntratt tat-28 ta' April, 1994, "sar ghaliex ma kienx car jekk il-proprjeta` in vendita` kienitx kollha ta' Attard u Grima."

3) L-importanza sproporzjonata li l-ewwel Qorti tat lid-denunzji dwar il-wirt ta' Salvatore Sammut,ipprezentati mill-attur a fol. 66 sa fol. 76, fejn hemm referenza ghall-art 'Ta Sparati', a paragun mal-uniku kuntratt ta' akkwist minn Salvu Sammut dwar art minn 'Ta' Sparati' esebit a fol. 133 Dok KC 1 mill-konvenuti.

4) Il-konkluzjoni zbaljata li gibdet l-ewwel Qorti mill-pjanti ta' mad-denunzja.

5) L-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti lill-uniku kuntratt esebit mill-attur cioe` dak tat-28 ta' Frar, 1994 (fol. 38 sa 45) fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri.

6) L-importanza li tat l-ewwel Qorti lill-kuntratt tal-1941 meta tghid illi "Salvu Sammut kien akkwista fl-1941 (fol. 133) ir-raba' in kwistjoni li gie mkejjel l-ekwivalenti ta' hamest elef, disa' mija u hamsa u disghin (5995) metri kwadri.

7) Il-fatt li l-ewwel Qorti skartat kompletament is-*survey* Dok KC7.

Il-kontro-parti appellata ma ressqet ebda risposta biss fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2010 saret it-trattazzjoni da parti tad-difensur tieghu. John Grima u martu Annie gew notifikati bir-rikors ta' appell bl-avviz tas-smiegh izda baqghu ma dehrux. Ghall-mejtin George Grima u martu Maria gew nominati kuraturi.

**Ikkunsidrat:**

B'kuntratt tal-4 ta' April, 1994 fl-atti tan-Nutar John Spiteri il-konvenuti Mikiel Attard u martu Giuseppa, John Grima u martu Annie u George Grima u martu Maria bieghu u ttrasferew lill-konvenuti l-ohra Anthony u Anna Sammut u Nazzareno u Maria Concetta Sammut "*kull dritt ta' proprjeta` li ghandhom jew li jista' jkollhom mill-art li tifforma parti mill-kuntrada maghrufa bhala 'Tal-Ghallis', limiti tan-Naxxar, tal-kejl ta' cirka tomnejn u kejla sive elfejn mitejn u sebgha u sittin metru kwadru (2,267mk) u tikkonfina mil-Lvant mas-successuri ta' Salvatore Sammut*

*u mit-Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Mifsud jew is-successuri tieghu u mill-Punent ma' beni ta' Antonio Caruana jew is-successuri tieghu, u min-Nofsinhar ma' beni tal-familja Sammut, kif ahjar delineata bl-ahmar fuq l-annessa pjanta markata Dokument "X", libera u franka, bid-drittijiet u l-gustijiet taghha kollha.*"

Fl-imsemmi kuntratt jinghad ukoll li "*Jekk jirrizulta li l-bicca markata bil-blu fuq l-annessa pjanta Dokument "X" hija proprjeta` tal-vendituri din tigi inkluza fil-bejgh tal-lum u b'hekk tghaddi awtomatikament ghaf-favur tal-kompraturi in forza ta' dan il-kuntratt.*" Fl-imsemmi kuntratt tirrizulta l-provenjenza tal-art trasferita billi jidher li din l-art giet fil-pussess tal-vendituri u, in parti ta' certu Carmelo Camilleri, in forza ta' tlett kuntratti hemm imsemmija.

Mal-kuntratt ta' komprovendita msemmi hemm pjanta annessa indikata bhala Dokument X fejn hija indikata l-art ittrasferita kif ukoll dik il-bicca mmarkata bil-blu li dwarha kien hemm xi dubju. Din il-pjanta tirrizulta annessa mal-kopja tal-kuntratt tal-4 ta' April, 1994 li gie esebit, bil-kunsens tal-kontro-parti, fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2010.

L-attur oggezzjona ghal dan it-trasferiment billi qed isostni li in parti l-art trasferita hija proprjeta` tieghu u ghalhekk talab li, prevja d-dikjarazzjoni li l-vendituri msemmija ma kienux sidien ta' din l-art u ghalhekk ma setghux jittrasferixxu lill-komptraturi, il-Qorti tordna r-rizoluzzjoni tal-bejgh.

L-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici ghar-ragunijiet fuq moghtija u ordnat li mill-art trasferita tigi mnaqqsa dik il-parti li l-attur kien indika bhala tieghu fil-pjanta li tinsab esebita a fol. 37 tal-process u dan permezz ta' att pubbliku li ghandu jigi ppubblikat min-Nutar John Spiteri.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel Qorti korrettement iddeskriviet din l-azzjoni bhala *actio reivindicatoria* billi l-attur qed jitlob li tintradd lura l-art

in kwistjoni li ittiehdet minghandu indebitament. Biss il-Qorti dehrilha li hawn il-prova *diabolica* mehtiega fi proceduri simili ma kienitx daqstant mehtiega billi, skond il-gurisprudenza, din il-prova tigi sostitwita b'dik rikjesta fl-*actio publiciana* fejn ir-rivendikant jrid juri biss "*di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu` debole del suo.*" Infatti l-ewwel Qorti ghaddiet biex tat ragun lill-attur fuq l-iskorta tal-kuntratt ta' akkwist tieghu tat-28 ta' Frar, 1994 meta huwa kien akkwista proprjeta` minghand l-eredi ta' Carmela Gauci gia` eredi, flimkien ma' hutha, ta' Salvu Sammut u fuq id-denunzja tas-successjoni ta' Salvu Sammut.

Minn ezami tal-aggravji mressqa mill-konvenuti appellanti jidher li bazikament l-appellanti qed jilmentaw mill-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. Issa huwa risaput li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax li b'dak l-apprezzament tkun ser tinholoq xi ngustizzja. Fil-kaz in ezami din il-Qorti hija tal-fehma li trid terga' ssir valutazzjoni u apprezzament tal-provi in atti billi jidher li hemm xi mankanzi. Jinghad ukoll f'dan ir-rigward li l-prova tad-dikjarazzjoni tas-successjoni ta' *decujus* ma ghandhiex daqshekk rilevanza meta jirrizultaw provi dokumentarji ohra konsistenti f'kuntratti pubblici. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) B'kuntratt ippubblikat fit-28 ta' Frar 1994 min-Nutar Tonio Spiteri, (ara pagni 38 sa 45) l-attur Bartolomeo Sammut u huh Paolo Sammut flimkien mal-konjugi rispettivi taghhom kienu, fost proprjetajiet ohra, akkwistaw minghand l-ahwa Agius ulied il-mejtin Francesco u l-mejta Carmela nee` Sammut *"(c) sesta ($^{1}/_{6}$) parti indivisa ta' nona ($^{1}/_{9}$) parti indivisa ta' ($^{1}/_{7}$) ta' porzjoni diviza mill-art msejha Ta' Sparati, fil-kuntrada tas-Salina, fil-limiti tan-Naxxar, flimkien mal-beni ta' fuqha ……… tal-kejl superficjali ta' cirka sitt elef seba' mija u erbgha u erbghin metri kwadri (6744mk) ghall-intier …… kif tinsab ahjar deskritta u indikata bin-numru tlieta (3) fuq l-annessa pjanta Dokument "Y"".* Barra minhekk hemm dikjarat fil-paragrafu numru 4 li "*Il-vendituri qeghdin jittrasferixxu*

*wkoll kull sehem li ghandhom mill-wirt ta' Salvatore Sammut, gia` bir-raba, bin il-mejtin Pietro u Maria nee` Azzopardi, …..*" In-Nutar Spiteri fix-xhieda tieghu moghtija fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2006 mistoqsi mid-difensur tal-konvenuti kif wasal ghal dawn is-sitt itmiem indikati fil-paragrafu (c) hawn fuq riportat u jekk ghamilx xi ricerki irrisponda li "*Fil-fatt dawn huma kif dikjarati fid-denunzja. Din il-proprjeta` hija ereditarja, gejja mill-wirt ta' Carmen Agius, omm il-vendituri.*"

b) Carmela Agius kienet wahda minn ulied Salvu Sammut li miet *ab intestato* fid-19 ta' Jannar, 1985 kif jidher mid-denunzja tas-successjoni tieghu Nru 1808/85 a fol. 66 *et seq*. tal-process. F'din id-denunzja tas-successjoni a fol. 66 *retro* fil-paragrafu 3 taht l-assi immobiljari hemm indikata l-"*Art fis-Salina mgharufa "Ta' Sparati" tal-kejl ta' T.6 – stmata Lm2000.*" Kien ghalhekk li n-Nutar Tonio Spiteri indika dan il-kejl ta' sitt itmiem ghall-art kollha fuq il-kuntratt ta' komprovendita tat-28 ta' Frar 1994 bejn l-ahwa Agius, *qua* eredi ta' Carmen Agius bint Salvu Sammut u l-ahwa Bartolomeo (attur) u huh Paolo Sammut.

c) Jirrizulta pero` li Salvu Sammut akkwista r-raba maghruf bhala ta' Sparati fil-limiti tal-Ghallis, in forza ta' kuntratt tat-12 ta' Ottubru, 1941 fl-atti tan-Nutar Emanuele Pio Debono (Fol. 133 *et seq* tal-process). F'dan il-kuntratt l-art in kwistjoni hija indikata bhala tal-kejl ta' **hames titmiem u sighain** u mhux sitt itmiem kif indikat fid-denunzja tas-successjoni ta' l-istess Salvu Sammut u fil-kuntratt ppubblikat min-Nutar Tonio Spiteri hawn fuq imsemmi.

d) Fuq pjanta esebita a fol. 37 tal-process l-attur indika b'linji diagonali l-art li huwa jghid li ttihditlu bit-trasferiment kontestat tal-4 ta' April, 1994 (dok A anness mac-citazzjoni). L-attur pero` jista` jirreklama bhala tieghu biss dik il-parti tal-art li huwa kien akkwista in forza tal-kuntratt tat-28 ta' Frar, 1994 minghand l-ahwa Gauci (fol. 38), izda mill-pjanata Dok Y annessa mal-istess kuntratt (fol. 116) jirrizulta li l-attur akkwista biss parti zghira mill-art indikata b'linji diagonali fil-pjanta a fol. 37 u dan billi

jidher li dik il-parti deskritta fil-paragrafu (c) hawn fuq riportata u indikata bin-numru (3) fil-pjanta Dok Y annessa mal-kuntratt ta' trasferiment u li tinsab a fol. 116 tal-process testendi biss ghal certa distanza taht l-art indikata bin-numru (8) u ma tkomplix tiela' hekk kif indika l-attur fil-pjanta a fol. 37.

e) Barra minn hekk wiehed josserva li l-pjanta annessa ma' denunzja tas-successjoni ta' Salvu Sammut, a fol. 70 tal-process, tindika biss bhala parti mill-assi tad-*decujus* dik il-parti zghira li effettivament l-attur xtara minghand l-ahwa Gauci u mhux l-estensjoni kollha li illum l-attur qed jirreklama bhala tieghu. Ghal ahjar intendiment ta' din il-pjanata ssir referenza ghal pjanta esebita mill-attur a fol. 37 tal-process fejn hemm indikata l-art li allegatament il-konvenuti hadulu u li huwa jghid li kien akkwista, flimkien ma' huh Paolo, minghand l-ahwa Agius. Jigi osservat ukoll li fil-pjanta annessa mal-kuntratt tal-akkwist tat-28 ta' Frar, 1994 li jinsab a fol. 112 tal-process, liema pjanta tinsab a fol. 116 tal-process, il-bicca feles art li l-attur jghid li ittihidlu u li tinsab vicin il-porzjoni indikata bin-numru 8 u bhala prolungament tal-porzjoni numru 3, ma hijiex indikata bhala formanti parti mill-art akkwistat mill-attur.

f) Illi minn dan kollu jidher li l-attur ghandu ragun in parti billi l-kuntratt ta' trasferiment tal-4 ta' April, 1994 jikkomprendi wkoll din il-parti zghira li testedni mill-art indikata bin-numru (3) fil-kuntratt ta' akkwist tal-attur tat-28 ta' Frar 1994. Din il-parti in realta` hija dik il-parti mmarkata bil-blu fil-pjanta annessa mal-kuntratt ta' komprovendita` li sehh bejn il-konvenuti fl-4 ta' April, 1994 u li fl-imsemmi kuntratt l-istess vendituri urew certa incertezza dwar it-titolu taghhom fuqha. Infatti, f'dan il-kuntratt jinghad hekk "*Jekk jirrizulta li l-bicca markata bil-blu fuq l-annessa pjanta* (liema bicca tifforma parti mill-akkwist li ghamel l-attur bil-kuntratt tat-28 ta' Frar, 1994) *Dokument 'X' hija proprjeta` tal-vendituri din tigi nkluza fil-bejgh tal-lum u b'hekk tghaddi awtomatikament ghaf-favur tal-kompraturi in forza ta' dan il-kuntratt.*" Kif rajna aktar 'l fuq jirrizulta li din il-bicca art kienet tifforma parti mill-assi

ereditarju tal-mejjet Salvu Sammut u akkwistata mill-attur bil-kuntratt fuq imsemmi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti appellanti qed jigi milqugh in parte billi qed jigi dikjarat li l-pretensjoni attrici kienet gustifikata biss fir-rigward ta' parti zghira mill-art indikata mill-attur fid-dokument a fol. 37 tal-process u cioe` ghal dik il-parti li tidher fil-pjanta Dok Y a fol. 116 tal-process li hija estensjoni tal-art indikata bin-numru (3) u testendi taht l-art indikata bin-numru (8) fl-istess pjanta. Tilqa' ghalhekk dan l-appell tal-konvenuti billi tiddikjara li l-parti rimanenti 'l fuq minn din il-parti zghira indikata bil-blu fil-pjanta Dok X annessa mal-kuntratt tal-akkwist ta' Anthony Sammut u Nazzareno Sammut u l-konjugi rispettivi taghhom tal-4 ta' April, 1994 in atti Nutar John Spiteri ma tappartjeniex lill-attur u ghalhekk giet trasferita b'mod tajjeb lill-istess akkwirenti appellanti. Konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi riformata fis-sens hawn fuq spjegat u tahtar lin-Nutar John Spiteri biex jippubblika l-att korrettorju relattiv tal-kuntratt tal-4 ta' April 1994 liema kuntratt ghandu jigi pubblikat fi zmien tlett xhur mil-lum u tahtar ukoll lil Dottor Claudio Zammit bhala kuratur tal-kontumaci. Ghal kull buon fini din il-Qorti tordna li mal-kuntratt korrettorju tal-kuntratt tal-4 ta' April, 1994 jigu annessi l-pjanti Dok Y (fol. 116) u Dok X (fol. 216) li kopja taghhom qed tigi esebita ma' din is-sentenza. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha kemm dawk in prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwanti ghall-terz mill-konvenuti u zewg terzi mill-attur.

Deputat Registratur
LB.

## APPENDICI

Fotokopja tal-pjanta Dok Y u tal-pjanta Dok X.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------